MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 367/2010

**Joseph Mifsud**
**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar l-1 t'Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

" *Illi l-esponent qed jadixxi din l-Onorabbli Qorti b'konsegwenza ta' ittra ufficcjali tal-Awtorita Intimata tas-16 ta' Settembru 2010 ai termini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta. Kopja ta' l-imsemmija ittra ufficcjali tinsab hawn annessa w markata bhala DOK A.*

*Illi l-esponenti esegwixxa il-proceduri kollha rikjesti mil-ligi sabiex jittrasferixxi il-vettura LAU 828, liema trasferiment sar lil certu Kevin Camilleri li ghandu karta ta' identita numru 91579(M) u dan xi ghaxar snin ilu.*

*L-esponent ma rcieva l-ebda avviz qabel l-ittra ufficcjali fuq imsemmija li kien hemm xi nuqqasijiet fil-konfront tal-vettura imsemmija u ghalhekk ma kellux mezz li jkun jaf li hemm xi irregolaritajiet."*

Ghaldaqstant iddikjara li mhux responsabbli ghall-hlasijiet mitluba w ghalhekk oppona li l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Settembru 2010 tigi reza esekuttiva.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-kontro-parti w appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ntimata kif prezentata fl-atti nhar l-20 t'Ottubru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

"1. *Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Fil-mertu kif jammetti l-istess rikorrenti fir-rikors teighu huwa ittrasferixxa din il-vettura lil terzi minghajr ma huwa baghat avviz ta' dan lill-istess Awtorita' intimata. Dan ifisser li huwa ghadu responsabbli skond il-ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorita' intimata. L-obbligu ta' dan l-avviz kien tar-rikorrenti u ta' hadd izjed (ara ad examplum artikolu 26 tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta).*
*3. Illi ghalhekk gjaladarba ma kien hemm xejn minn dan kollu, u gjaladarba l-Awtorita' intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi, r-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-ligi."*
Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet rikorrenti kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti ma deherx, ghalkemm deher l-avukat difensur tieghu u deher ir-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta, w il-kawza giet differita ghas-7 ta' Frar 2011 peress li kienet kontestata.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2011 u Dr. Anthony Farrugia ghar-rikorrenti talab differiment ghaliex il-klijent tieghu, ir-rikorrenti odjern, kien indispost, u talab li jesebixxi l-

affidavit tieghu.  Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum fejn din il-Qorti laqghet it-talba rikorrenti purche' l-afidavit jigi esebit bil-visto tal-kontro-parti w li l-istess rikorrenti jkun prezenti ghall-kontro-ezami tieghu.

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2011 minn fejn jirrizulta li ghal darb' ohra r-rikorrent ma deherx u li skond Dr. Farrugia huwa ghandu problema sabiex jikkomunika mar-rikorrenti w li ghalhekk ir-rikors gie differit ghall-ahhar darba ghat-12 t'April ghall-provi, izda jekk ir-rikorrenti ma jressaqx provi l-kawza tithalla ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' April 2011 la deher ir-rikorrenti w lanqas l-avukat difensur tieghu.  Deher biss l-avukat tal-Awtorita' intimata.

Rat illi ghalhekk ir-rikorrenti ma gab l-ebda prova sabiex jissostanzja r-rikors tieghu u ghalhekk fin-nuqqas ta' prova ohra l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' intimata w tichad it-talba rikorrenti.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali datata 16 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.**
**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija datata 16 ta' Settembru 2010 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------